*Dan l-artiklu nkiteb fl-1992 dwar avveniment li ġara fl-1988, kif kien irrappurtat fil-gazzetta The Times tal-15 ta' Mejju 1988, u kien ixxandar fil-programm tal-festa 1992, Filarmonika Santa Marija, Mosta. Minn mindu xxandar dan l-artiklu, ħareġ studju ta' Anthony Camilleri dwar l-Bomba Nażista li ntefgħet fuq il-Knisja tal-Mosta fid-9 t'April 1942, u minn dan l-istudju ħarġu aktar fatti, fosthom li mhux Sauer biss kien għadu ħaj fl-1988. Bi żvista, Camilleri dan l-artiklu ma kienx ikkwotah.*

***L-awtur***

# Il-Pilota Ġermaniż tal-Bomba fuq il-Knisja tal-Mosta

*minn* **Manwel D SCHEMBRI**

*Dip. Stud. Rel., B.A. (Gen.), B.A. Stud. Rel., Dip. Educ. (Admin. & Mangt.), M.I.M.*

**Fil-ħarġa** ta' *'The Sunday Times'* tal-15 ta' Mejju 1988, fl-aħħar paġna deher artiklu b'ritratt dwar iż-żjara f'Malta ta' dak li qal li hu l-uniku bniedem li għadu ħaj, li ra mill-ajru, il-bomba Nażista tinfed il-koppla tal-Knisja tal-Mosta - il-professur tal-bijoloġija Felix Sauer. Sauer, f'dan l-artiklu ġie rrapurtat li qal li hu li fi żmien il-gwerra kien pilota tal-Luftwaffe Ġermaniża, flimkiem ma' pilota ieħor jismu Schaefer, kull wieħed bil-*Messerschmitt* tiegħu, kienu ġejjin m'oħrajn jibbumbardjaw il-Port il-Kbir. Iż-żewġ ajruplani, flimkien m'oħrajn, kienu telqu minn Comiso, fi Sqallija, wara nofs inhar tal-Ħamis, 9 t'April 1942. Ittajru lkoll fil-baxx, ma' wiċċ il-baħar biex jevitaw li jintlemħu fuq ir-radar. Iżda kif tfaċċaw fuq Malta, sabu l-kanuni tad-difiża Maltija lesti għalihom. Infetaħ in-nar fuqhom, u kellhom jinbidlu l-pjanijiet. Ir-rapport ikompli li waqt li Sauer u Schaefer kienu qed jittajru fuq il-Mosta, Sauer qal li ra lil sieħbu Schaefer jitlaq il-bomba. Fil-ħin, Sauer jgħid li ra ġett (merżuq) ta' fjamma u trab ħiereġ 'il barra mill-koppla.[1] Fl-10 ta' Mejju, fl-10 a.m. sar servizz ta' ringrazzjament fir-Rotunda. Fid-diskors li Sauer għamel (tradott għall-Malti kelma b'kelma u li deher fil-gazzetta 'Il-Mosta' ta' Mejju - Ġunju 1988 f'artiklu "Pilota Ġermaniż ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija jagħmel Att ta' Ringrazzjament" ta' A.C.), Sauer jingħad li qal li ra ġett (merżuq) ta' fjamma jippenetra l-koppla ta' din il-knisja.[2]

Minn dawn iż-żewġ deskrizzjonijiet mill-istess bniedem (Sauer) u l-istess avveniment (il-bomba mitfugħa fuq il-koppla tal-Mosta) joħorġu xi diskrepanzi. L-ewwelnett, "il-ġett ta' fjamma" ħareġ mill-koppla (kif qal lis-*Sunday Times*) jew daħal fil-knisja (bħalma qal fir-Rotunda)? U fuq kollox, x'nar kien? In-nar jindika splużjoni. Nafu li fil-knisja ma ġrat l-ebda splużjoni kif jixhdu n-nies (madwar 300 ruħ) li kienu ġol-knisja waqt li ntefgħet il-bomba. Mela allura żgur li dak li qal Sauer lis-*Sunday Times* mhux eżatt għax l-ebda nar ma seta' ħareġ mill-knisja. Żball dwar in-nar ħiereġ mill-knisja, ħadu wkoll l-Arċipriet Carabott meta ntroduċa l-okkażjoni fil-Knisja tal-Mosta għax qagħad fuq dak li qal Sauer.



*Replika tal-bomba ta' 500Kg bħal dik li nifdet il-koppla. Hekk kienet tidher fis-Sagristija qabel l-1992.*
*(ritratt: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

Anke dwar dak li qal Sauer fil-Knisja fil-15 ta' Mejju, hemm x'jingħad. M'hemm l-ebda dubju li Sauer dejjem kellu f'moħħu, kull meta tkellem, il-bomba li għad hemm fis-sagristija. Sauer saħaq li kien żgur li dik li ntefgħet mill-*Messerschmitt 109* ta' sieħbu kellha tkun bilfors iżgħar, għax ajruplan ta' din ix-xorta ma kienx jiflaħ bomba tal-kobor u kalibru li ra fis-sagristija. Dan ifisser li Sauer seta' ra nar ta' bomba tisplodi, iżda ta' waħda ferm iżgħar (u hekk seta' jġorrha l-*Messerschmitt* ta' sieħbu) li nafu li splodiet fuq barra tal-Knisja waqt l-istess ħbit mill-ajru. Frank Calleja, li kiteb fis-*Sunday Times* ġimgħa wara li deher ir-rapport fuq Sauer, qal li barra l-bomba l-kbira li nifdet il-koppla, "il-Knisja ntlaqtet ukoll minn tnejn oħra iżgħar. Waħda splodiet fuq barra, fuq il-koppla u għamlet ħsara insinifikanti, waqt li l-oħra laqtet il-kampnar u tgerrbet" 'l isfel għal fuq iż-zuntier".[3] Dan jaqbel ukoll ma' dak li kiteb Joseph M. Cassar Torreggiani, fit-*Times of Malta* tat-2 ta' Ġunju 1942, inqas minn xahrejn mit-tfigħ tal-bomba fuq il-knisja,[4] fejn isemmi għadd ta' bombi u mhux waħda biss.


*Il-monument li sar fuq disinn ta' l-iskultur Mosti Ġanni Bonnici u li sar fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju, fl-1992.*

Minn dan jidher ċar li la Sauer u lanqas sieħbu ma kellhom sehem fit-tfigħ tal-bomba, li nifdet il-koppla. Dwar l-asserzjoni li l-qoxra tal-bomba li tinsab illum fis-sagristija tal-Knisja ma tistax tkun dik li nifdet il-koppla jidher li Sauer u sieħbu jistgħu jiġu assoċjati biss mal-bombi iżgħar għax dik li nifdet kienet waħda ta' elf libbra, bomba li skond Sauer stess *Messerschmitt 109* ma jġorrhiex.

Fit-*Times of Malta* tal-Ħamis, 6 t'April 1944, f'paġna 3, f'kitba dwar l-eħrex ħbit mill-ajru fuq il-Belt Valletta, f'ilsienna nsibu li "Jumejn wara (il-ħbit tal-Belt) bomba ta' 1000 libbra nifdet il-koppla tal-Knisja tal-Mosta, waqgħet qalb in-nies miġburin fil-Knisja, iżda ma splodietx".

Dan jaqbel ukoll ma' dak li kiteb Calleja fl-ittra diġa' kkwotata tat-22 ta' Mejju 1988, fejn qal li "minħabba t-toqol u l-kobor tagħha, il-bomba li kien hemm fil-Knisja ma setgħetx tintrefa' u għalhekk ġiet imgerrba 'l barra mill-Knisja. Tul din il-biċċa xogħol, parti mit-taraġ "tal-qawwi" taz-zuntier inkiser taħt it-toqol tal-bomba; dan għadu jidher imsewwi sa llum".

U l-qoxra li hemm fis-sagristija llum, tikkonforma mad-deskrizzjoni li nkitbet f'April 1944, ikkwotata fuq, deskrizzjoni miktuba eqreb fiż-żmien lejn l-inċident innifsu, mid-distanza ta' 46 sena li tifred l-avveniment tal-bomba miż-żjara ta' Sauer. Il-bomba li hemm illum fis-sagristija hija ta' l-istess daqs u forma ta' dik li nifdet il-koppla. Dik li fil-verità niżlet tul il-ħbit mill-ajru tad-9 t'April 1942, tgħattnet u parti minnha "attjat bit-tsbita.

Illum fis-sagristija nsibu tifkira fil-bronż maħduma b'ħila mill-iskultur Mosti Ġanni Bonnici. Il-kelma "Miraklu" ibbuzzat fil-bronż kien ilha minquxa f'qalb il-Mostin mid-9 t'April 1942. Dnub li qrib il-mafkar (la darba ma saritx fih) ma nsibux deskrizzjoni bil-Malti, konċiża u dettaljata (bħalma kien hemm fil-plakka tar-ram 'il fuq mill-bomba fejn kienet qabel) flimkien ma' ritratt tat-toqba li għamlet lill-koppla.

Aħna lkoll nirringrazzjaw... 

Aħna lkoll niżżuħajr lil Marija Mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem talli għoġobHa teħles it-tempju għażiż tagħna, bin-nies ta' ġo fih, mill-qirda, wara li missirijietna ddedikawh lilHa b'għożża u b'qima kbira. Il-professur Sauer kien stazzjonat fil-bażi ta' Comiso mal-*Jaqdgeschwader JG 53 Pik As* u, kif qal hu stess, ġie Malta għal disgħin darba jeskorta l-*bombers* u għal darbtejn jibbumbardja.

Tassew li fiċ-ċerimonja msemmija li saret fir-Rotunda Sauer għamel att ta' ringrazzjament. Kien ikun xieraq kieku f'ismu u f'isem sħabu talab skuża u maħfra lilna li għadna ħajjin tal-qirda u niket li ġabu fuq il-Mosta u fuq artna matul l-aħħar gwerra dinjija.

**Referenzi:**

1 **The Sunday Times**, May 15, 1988, p. 48.
2 **Il-Mosta**, Mejju - Ġunju, 1988, p.10.
3 **The Sunday Times**, May 22, 1988, p. 17, Mosta Dome Bomb minn Frank Calleja.
4 Vella E.B. u Oħrajn, **Storja tal-Mosta**, Empire Press, 1972, p. 427.